TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 165/14-F

**Maria Theresa Giordmaina**

**vs**

**D.Tanti & Co. Ltd.**

Illum 9 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija, u wieħed u ħamsin ewro, u ħamsin ċenteżmi (€151.50), rappreżentanti prezz ta' nuċċali li kellu jkun *anti-reflective* u wara li marru jieħdu xi ritratti, dawn ħarġu bir-riflessjoni fihom.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat nuċċali *anti-reflective* mingħand is-soċjeta' ntimata, iżda meta ħadet xi ritratti bin-nuċċali dawn ħarġu bir-riflessjoni fihom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata ma ssottomettietx ir-risposta tagħha bil-miktub hekk kif stipulat fil-Liġi Sussidjarja tal-Att tal-Konsumatur.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u wieħed u ħamsin ewro, u ħamsin ċenteżmi (€151.50), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi n-nuċċali jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888